MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 1108/1996/1

**Nadine Carbone**

**v.**

**Brian Grixti u Gordon Bartoli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'ċitazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' April 1996, l-attriċi ppremettiet li waqt li hija kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha numru N-4824 fi Triq

George Borg Olivier, San Ġiljan, ħabtet mal-vettura numru D-8098 misjuqa mill-konvenut Brian Grixti; illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew ta' xi wieħed minnhom, għax l-attriċi kienet qiegħda ssuq fuq in-naħa tagħha tat-triq u b'veloċità normali meta l-vettura tal-konvenut Grixti baqgħet dieħla fiha, forsi għax kienet imġiegħla tagħmel hekk mill-vettura misjuqa mill-konvenut l-ieħor, Bartoli; illi minħabba f'hekk il-vettura ta' l-attriċi kellha ħafna ħsara u l-attriċi wkoll korriet u ġarrbet debilità permanenti fuq il-persuna tagħha; illi għalxejn sejħet lill-konvenuti biex jagħmlu tajjeb għad-danni, dan premess l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-Qorti:

1) wara li tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuti weħedhom, jew tgħid bil-ħtija ta' min minnhom seħħ,

2) tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi u

3) tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom jaħti jħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra legali u ta' żewġ ittri uffiċjali.

Il-konvenut Brian Grixti ressaq l-eċċezzjoni illi l-inċident ma seħħx bi ħtija tiegħu iżda bi ħtija tal-konvenut l-ieħor Bartoli, u għalhekk huwa dan li għandu jagħmel tajjeb għad-danni.

Il-konvenut Bartoli ressaq l-eċċezzjoni illi hu ma għandu xejn mill-ħtija.

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju, 2005 bil-mod segwenti:
"Il-Qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tgħid illi t-tnejn jaħtu għall-inċident u għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni flimkien in solidum, tillikwida d-danni fis-somma ta' tnejn u erbgħin elf tliet mija u sitta u tletin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm42,336.14), u

tikkundanna lill-konvenuti flimkien in solidum iħallsu lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħax legali millum."

U dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"L-inċident seħħ fit-22 ta' Mejju 1994, fl-4.30 a.m. u seħħ hekk:

"L-attriċi kienet qiegħda ssuq fi Triq George Borg Olivier, sejra mill-Balluta lejn Spinola. X'ħin kienet fil-liwja li ssib hekk kif taqbeż il-Balluta, ħdejn City of London Bar, ġew lejha żewġ vetturi mid-direzzjoni opposta. Dik misjuqa mill-konvenut Grixti kienet fuq il-lemin tal-vettura l-oħra, misjuqa mill-konvenut Bartoli, u għalhekk ġiet fuq in-naħa l-ħażina tat-triq; sabet lill-vettura ta' l-attriċi quddiemha u ħabtet magħha. Saret ħafna ħsara liż-żewġ vetturi, u kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut Grixti korrew. Il-konvenut Bartoli, is-sewwiq tal-vettura l-oħra, li kien fuq in-naħa tiegħu tat-triq, għalkemm ma setax ma ntebaħx bl-inċident, ma waqafx biex jagħti l-għajnuna u ħarab.

"L-attriċi ma tiftakar xejn mill-inċident għax bid-daqqa li ħadet tilfet il-memorja.

"Bartoli xehed illi Grixti kien qiegħed isuq quddiemu, bil-mod, iżda meta hu fittex li jaqbżu Grixti żied fil-veloċità biex ma jħallihx jaqbżu. Bartoli kompla jgħid illi Grixti beda jsuq lejn nofs it-triq biex lilu ma jħallihx jaqbżu, u kien aktar moħħu f'Bartoli li kien warajh milli fit-triq quddiemu:

… … … kif għaddejt ir-restaurant Chains ipprovajt naqbeż lil din il-karrozza Talbot [ta' Grixti] peress illi d-driver tagħha kien qed isuq bil-mod.. Kif ġejt ma' ġenbu biex naqbżu huwa żied fl-ispeed biex ma jħallinix naqilgħu. Fil-frattemp kienet ukoll nieżla karrozza mid-direzzjoni opposta u allura kelli nerġa' nislowja biex nidħol warajh. … … … [A]ħna bqajna sejrin fl-istess triq u jiena innotajtu li kien il-ħin kollu jħares minn ġol-mera tal-karrozza u jdawwar persuntu lura biex jara fejn kont. Huwa kien ukoll

il-ħin kollu jsuq il-karrozza tiegħu min-nofs tat-triq u moħħu fina. … … … [M]eta wasalna fejn il-Park Towers fejn hemm liwja fit-triq, tat-Talbot kien fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u cioè fuq ir-wrong side ta' din l-istess triq. … … … [D]ak il-ħin tfaċċat karrozza oħra mid-direzzjoni opposta u tat-Talbot spiċċa head-on fuq din l-istess karrozza. Peress illi jiena kont fuq in-naħa t-tajba ta' din l-istess triq jiena bqajt għaddej normali għal trieqti … … …[1]

"Fir-rakkont ta' Bartoli, il-pika kienet min-naħa ta' Grixti, li kien qiegħed isuq bil-mod u ma jħallihx jaqbżu; fil-verżjoni ta' Grixti, il-pika kienet min-naħa ta' Bartoli, li kien qiegħed isuq b'mod aggressiv ħafna. Grixti qal illi Bartoli kien warajh, idoqqlu l-horn u jteptiplu d-dwal meta kienu niżlin in-niżla ta' ħdejn il-Pizza Hut ta' San Ġiljan, jipprova jaqbżu iżda ma setax għax it-triq dejqa u kien hemm it-traffiku. Grixti tah opportunità li jaqbżu meta dar mar-roundabout ta' quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan biex Bartoli jkun jista' jibqa' għaddej dritt lejn il-Balluta, iżda Bartoli baqa' jdur warajh bl-istess atteġġjament aggressiv.

… … … I decided to turn off and go around the roundabout near the Police Station in Saint Julians to avoid him so he can just continue going, but he continued to follow me … … … around the roundabout twice: I went around once, and then he kept following me, and I went around again. He was doing the same thing, hooting his horn and flashing his lights. I proceeded to keep on going to my house, that was in Balluta Bay; I was going driving along in front of Park Towers, past Saint Julians pitch, and before that he was still hooting the horn, flashing his lights, … … … making me uncomfortable. … … … I was regressing speed so he overtook me near Saint Julians pitch. … … … [H]is car then all of a sudden went in the middle of the road and … … … I couldn't brake right away. … … … I couldn't go to my left into the sea, so I tried to go around him because he was blocking the road, in the middle … … … and when I went around him unfortunately I hit the oncoming car.[2]

---

[1] *Fol*. 63.
[2] *Foll*. 77 *et seqq.*

"Iż-żewġ konvenuti ma qablux bejniethom ukoll dwar jekk Bartoli kellux passiġġieri miegħu. Grixti jgħid illi seta' jara li Bartoli kien waħdu, għalkemm stqarr illi ma huwiex ċert għal kollox[3], waqt li Bartoli qal li kellu żewġ passiġġieri miegħu illi t-tnejn xehdu u ikkorroboraw il-verżjoni tiegħu.

"Fejn x'aktarx jaqblu ż-żewġ konvenuti hu fejn jagħtu l-impressjoni illi kollox seħħ b'veloċitajiet x'aktarx baxxi.

"Il-qorti iżda temmen illi r-rakkonti taż-żewġ konvenuti huma kuluriti mix-xewqa ta' kull wieħed minnhom illi jnaqqas il-ħtija tiegħu u jitfa' l-ħtija fuq l-ieħor. Li joħroġ bi żgur mir-rakkonti huwa illi, għal xi raġuni jew oħra, inħolqot pika bejniethom fit-triq u, għalkemm ħadd minnhom issa ma jammettiha, kull wieħed minnhom ried joħroġ "ta' raġel" billi ma jċedix lill-ieħor. Il-qorti għalhekk temmen illi l-episodju kien ħafna aktar enerġiku minn kif jirrakkontawh il-konvenuti, b'ħafna ġiri bla għaqal, tlielaq, piki u provokazzjonijiet. Li kieku l-inċident seħħ b'veloċitajiet baxxi, il-ħsara fiż-żewġ vetturi li ħabtu ma kinitx tkun daqshekk kbira. Li kieku Grixti kien qiegħed isuq, kif qal hu[4], bi tletin kilometru fis-siegħa, kien jilħaq jieqaf bla diffikoltà meta Bartoli kiser u waqaf quddiemu.

"Il-qorti għalhekk aktar temmen illi ż-żewġ konvenuti kienu qegħdin itellqu t-tul kollu ta' Triq George Borg Olivier, bla xejn ma qiesu l-perikolu li kienu qegħdin joħolqu għal sewwiqa oħra fit-triq, fosthom l-attriċi. It-tnejn li huma, għalhekk, jaħtu għal dak li ġara, u, billi l-imġieba tagħhom turi ***culpa lata quæ dolo æquiparatur***, għandhom iwieġbu flimkien in solidum għad-danni li ħolqu[5].

"Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"Għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' *damnum emergens*, l-attriċi esebiet prospett, imsaħħaħ b'riċevuti, illi juri illi għamlet spejjeż ta' tnax-il elf, erba' mija u erbgħa u tmenin lira u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm12,484.64) minħabba l-

---

[3] *Fol*. 82.
[4] *Fol*. 91.
[5] Art. 1049(1), Kod. Civ.

inċident. Dan il-prospett ma ġiex kontestat mill-konvenuti iżda l-qorti tosserva illi fil-prospett l-attriċi daħħlet ukoll id-drittijiet tal-periti ġudizzjarji — b'kollox sitt mija u tmienja u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm648.50) — illi jidħlu fit-taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, u għalhekk, sabiex l-attriċi ma titħallasx darbtejn ta' dawn l-ispejjeż, il-qorti sejra tnaqqas is-somma ta' sitt mija u tmienja u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm648.50) mis-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u erbgħa u tmenin lira u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm12,484.64) li tiriżulta mill-prospett, u għalhekk jifdal ħdax-il elf, tmien mija u sitta u tletin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm11,836.14).

"Il-qorti tosserva wkoll illi l-attriċi qiegħda titlob ħamest elef u ħames mitt lira (Lm5,500) għall-ħsara fil-karrozza tagħha. Mill-atti taċ-ċitazzjoni numru 982/1997 fl-ismijiet Hugh P Zammit nomine versus Gordon Bartoli et, li nstemgħet flimkien ma' din il-kawża, il-qorti setgħet tara wkoll illi l-assikuratur tal-vettura ta' l-attriċi ġà għamel tajjeb għad-danni u kien surrogat fid-drittijiet tas-sid, u għalhekk l-attriċi ma tistax terġa' titlob kumpens għal dawn id-danni. Għal din ir-raġuni għandu jsir tnaqqis ieħor ta' ħamest elef u ħames mitt lira (Lm5,500), u jifdal sitt elef, tliet mija u sitta u tletin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm6,336.14) bħala damnum emergens.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-*lucrum cessans*.

"Il-ħajja ta' l-attriċi nbidlet radikalment wara l-inċident. Mhux biss ġarrbet ġrieħi serji fuq ġisimha — ksur ta' għadam ta' sieqha, farrett f'wiċċha, uġigħ f'daharha, ksur fix-xedaq u fi snienha — iżda, u forsi agħar minn hekk, ġarrbet ukoll ħsara fil-kapaċità intellettwali u mentali tagħha li naqqsitilha sew u għal dejjem is-setgħa li taħdem bi qligħ.

"Sabiex igħinuha tasal għal konklużjoni dwar kif id-debilità ta' l-attriċi tolqot is-setgħa tagħha li taħdem bi qligħ, il-qorti ħatret espert tal-għadam, espert psikjatra u espert psikologu. Dawn sabu illi l-attriċi għandha debilità li ma tfieqx minnha ta' tmienja fil-mija (8%), sebgħa fil-mija (7%) u bejn għaxra u ħmistax fil-mija (10-15%) rispettivament

f'dawk il-kapaċitajiet li jidħlu fil-kompetenza professjonali tagħhom. Ma saritx perizja dwar il-ħsara fix-xedaq u fis-snien.

"Il-qorti, wara li qieset illi, qabel l-inċident, l-attriċi kellha impjieg tajjeb ma' ditta ta' awdituri u kellha prospetti tajbin, u, issa, wara l-inċident, tista' tagħmel biss xogħlijiet li ma jeħtiġux konċentrazzjoni ta' attenzjoni jew aġilità mentali u intellettwali, qieset ukoll illi l-attriċi għadha u sejra tibqa' tbati minn uġigħat f'daharha u f'sieqha, u qieset ukoll ir-relazzjonijiet u t-tweġibiet ta' l-esperti mqabbda minnha, tgħid illi l-attriċi ġarrbet telf ta' għoxrin fil-mija (20%) fil-kapaċità tagħha li taħdem bi qligħ.

"L-attriċi kellha tnejn u għoxrin (22) sena meta korriet; għalhekk multiplier ta' tletin (30) sena jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi.

"Il-qorti qieset ukoll l-impjieg illi l-attriċi kellha meta korriet, il-prospetti li kellha dak iż-żmien, u l-fatt illi dan kien ħdax-il sena ilu; qieset ukoll it-tul tal-multiplier u ż-żjidiet illi x'aktarx jingħataw fil-ġejjieni, u hija tal-fehma illi jkun xieraq illi l-kalkoli jsiru fuq dħul medju ta' sitt elef lira (Lm6,000) fis-sena.

"Lucrum cessans għalhekk jiġi Lm6,000 × 30 × 0.2 = Lm36,000 sitta u tletin elf lira.

"Sabiex tpatti għall-fatt illi l-ħlas sejjer isir aktar minn ħdax-il sena (11) wara l-inċident iżda l-attriċi sejra wkoll iddaħħal issa d-dħul tal-ġejjieni, il-qorti tordna illi l-imgħaxijiet jibdew igħaddu millum iżda ma jsir ebda tnaqqis mis-somma likwidata bħala lucrum cessans.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tillikwida d-danni fis-somma ta' sitt elef, tliet mija u sitta u tletin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm6,336.14) damnum emergens u sitta u tletin elf lira (Lm36,000) lucrum cessans, b'kollox tnejn u erbgħin elf tliet mija u sitta u tletin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm42,336.14)."

**L-appelli tal-konvenuti.**

Mis-sentenza fuq riportata appella Gordon Bartoli filwaqt li l-konvenut Brian Grixti intavola appell incidentali.

Fl-appell tieghu pprezentat fit-13 ta’ Gunju 2005, il-konvenut Gordon Bartoli talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti “joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Mejju 2005, fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet mressqa mill-konvenut [Bartoli] tichad it-talbiet maghmulha mill-attrici fil-konfront tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata u f’kwalunkwe kaz tvarja u tirriforma l-imsemmija sentenza …. Billi tbiddel il-percentagg[6] tar-responsabbilita` ta' l-esponenti bhala konvenut appellant ghall-incident tat-traffiku oggett ta’ din il-kawza, tnaqqas il-percentagg ta’ disabilita` permanenti sofferta mill-attrici, tirriduci s-somma likwidata bhala *lucrum cessans* u finalment tnaqqas is-somma globali li trid hekk tigi likwidata.”

Fir-risposta u l-appell incidentali tieghu l-konvenut Brian Grixti talab li dina l-Qorti:-

1) tichad l-appell tal-konvenut Gordon Bartoli in parte, u cjoe f’dik il-parti tat-talba tieghu fejn talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex issib lill-esponenti responsabbli ghall-incident fi grad oghla minn dak stabbilit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta’ l-24 ta’ Mejju, 2005; u minflok

2) thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Mejju, 2005 fl-ismijiet fuq premessi, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-esponenti, u tiddikjara illi l-konvenut Bartoli kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u li ghalhekk ghandu jirrispondi unikament ghat-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut Bartoli; u

3) inoltre u fi kwalunkwe kaz, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tnaqqas il-percentagg tad-

[6] recte: percentwali

disabilita` permanenti soffert mill-attrici, tirriduci s-somma llikwidata bhala *lucrun cessans*, tikkalkola din is-somma mill-gdid, u finalment tnaqqas is-somma globali li trid tigi likwidata;

u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-partijiet l-ohra f'dina l-kawza.

L-attrici appellata pprezentat risposti kemm ghall-appell principali ta' Gordon Bartoli kif ukoll ghal dak incidentali tal-konvenut Grixti u fiz-zewg kazi talbet li dawn l-appelli jigu michuda u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra taghhom.

**L-aggravji ta' l-appellant Gordon Bartoli.**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell tal-konvenut Gordon Bartoli jidher li dan bazikament qed iressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`

a) dwar ir-responsabbilita` ghall-incident billi jsostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta sabet li huwa kien responsabbli ghall-akkadut fl-istess grad bhala konvenut l-iehor stante li l-konvenut Grixti ma huwiex kredibbli;

b) dwar id-danni likwidati billi qed jinghad li:

(i) l-ammont likwidat bhala *lucrum cessans* huwa eccessiv billi bazat fuq qliegh annwu li ma jirriflettix dak li kienet qed taqla l-attrici fid-data tal-incident;

(ii) mill-ammont likwidat kellu jitnaqqas 20% minhabba li l-ammont likwidat kien ser jithallas bhala "*lump sum".*

(iii) l-grad ta' dizabilita` kien eccessiv u ma kien hemm ebda spjegazzjoni fis-sentenza l-ghala l-Qorti akkordat 20%.

**L-aggravji tal-konvenut Brian Grixti.**

Il-konvenut Brian Grixti fl-ewwel lok assocja ruhu mas-sottomissjonijiet tal-konvenut l-iehor cioe` Gordon Bartoli f’dak li jikkoncerna l-ammontar tad-danni likwidati. Imbaghad kompla billi ssottometta li:

a) ic-cirkostanzi antecedenti l-akkadut kienu tali li poggewh f’sitwazzjoni ta’ emergenza u ghalhekk ghandu jirrispondi ghal dak li gara l-konvenut Bartoli billi kien dan li holoq tali emergenza.

b) Il-Qorti ma ghandha taghti ebda kredibilita` lill-verzjoni moghtija mill-konvenut Bartoli.

**Ikkunsidrat:**

Mir-rikorsi ta' l-appelli jidher li l-appellanti huma konkordi fuq fatt wiehed biss cioe` li d-danni likwidati favur l-attrici huma eccessivi. Dwar minn ghandu jirrispondi ghal dawn id-danni huma jaghmlu l-animu taghhom biex jikkonvincu din il-Qorti li dak li gara kien sehh tort tas-sewwieq l-iehor. Fil-verita` dak li qed jipprovaw jaghmlu l-appellanti hu li din il-Qorti taghmel apprezzament differenti tal-fatti tal-kaz li wasslu ghall-incident mertu tal-kawza u b’hekk tvarja l-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti. Ghandu jinghad pero` li ebda wiehed mill-konvenuti ma hu qed jghid li l-attrici kellha xi tort ghal dak li gara, qed jinghad biss li l-incident sehh tort ta’ wiehed minnhom, naturalment kull appellant jwahhal fl-iehor.

Issa hija norma generalment accettata li din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni, ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti anke billi dik il-Qorti tkun semghet *viva voce* lill-partijiet u b’hekk seghet tapprezza ahjar il-fatti tal-kaz. Din il-Qorti ghandha tvarja biss l-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti fuq il-provi prodotti kemm-il darba l-apprezzament ta’ l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li jwassal ghall-ingustizzja fil-konfront ta' parti jew ta’ ohra.

Minn qari akkurat tal-provi prodotti din il-Qorti ma ssib assolutament xejn x’jinduciha li tvarja dak li rravizat l-ewwel Qorti dwar id-dinamika ta' l-incident u, konsegwentement il-konkluzjonijiet minnha raggunti.

Infatti jidher li l-ewwel Qorti kienet konvinta li dak li sehh kien rizultat ta' pika bejn iz-zewg konvenuti billi wara li rriproduciet x-xiehda taghhom fis-sentenza appellata waslet biex ikkonkludiet li:
"Il-Qorti iżda temmen illi r-rakkonti taż-żewġ konvenuti huma kuluriti mix-xewqa ta' kull wieħed minnhom illi jnaqqas il-ħtija tiegħu u jitfa' l-ħtija fuq l-ieħor. Li joħroġ bi żgur mir-rakkonti huwa illi, għal xi raġuni jew oħra, inħolqot pika bejniethom fit-triq u, għalkemm ħadd minnhom issa ma jammettiha, kull wieħed minnhom ried joħroġ "ta' raġel" billi ma jċedix lill-ieħor. Il-qorti għalhekk temmen illi l-episodju kien ħafna aktar enerġiku minn kif jirrakkontawh il-konvenuti, b'ħafna ġiri bla għaqal, tlielaq, piki u provokazzjonijiet. Li kieku l-inċident seħħ b'veloċitajiet baxxi, il-ħsara fiż-żewġ vetturi li ħabtu ma kinitx tkun daqshekk kbira. Li kieku Grixti kien qiegħed isuq, kif qal hu[6], bi tletin kilometru fis-siegħa, kien jilħaq jieqaf bla diffikoltà meta Bartoli kiser u waqaf quddiemu.

"Il-qorti għalhekk aktar temmen illi ż-żewġ konvenuti kienu qegħdin itellqu t-tul kollu ta' Triq George Borg Olivier, bla xejn ma qiesu l-perikolu li kienu qegħdin joħolqu għal sewwiqa oħra fit-triq, fosthom l-attriċi. It-tnejn li huma, għalhekk, jaħtu għal dak li ġara, u, billi l-imġieba tagħhom turi culpa lata quæ dolo æquiparatur, għandhom iwieġbu flimkien in solidum għad-danni li ħolqu[7]."

<u>Din il-Qorti tikkondividi pienament dan il-hsieb ta' l-ewwel Qorti</u> u taghmlu taghha billi li, fuq il-provi prodotti, tghid mod iehor ma jaghmilx sens u f'dan ir-rigward jigi osservat li l-fatt li l-incident sehh fuq in-naha l-hazina tat-triq ghal Grixti mentri l-konvenut Bartoli kien fuq in-naha tieghu tat-triq, mhux daqstant relevanti ghad-determinazzjoni tal-htija ghall-akkadut billi l-Qorti trid tara <u>c-cirkostanzi kollha tal-kaz</u> u partikolarment x'gara u x'kien qed jigri <u>qabel</u> ma sar l-iskontru mal-vettura ta' l-attrici. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-aggravji mressqa miz-zewg appellanti ghal dik li hija responsabbilita` ghall-incident ma humiex gustifikati u l-appelli inkwantu jirrigwardaw dan l-aspett tal-kaz ser jigu michuda.

---

6 *Fol*. 91.
7 Art. 1049(1), Kod. Civ.

**Ikkunsidrat:**

Tibqa’ biex tigi kkunsidrata l-kwistjoni ta' l-ammontar tad-danni akkordati lill-attrici mill-ewwel Qorti. Hawn, kif gia` inghad, iz-zewg konvenuti jaqblu li l-ammont likwidat huwa eccessiv tant hu hekk li l-konvenut Grixti filwaqt li jghid li “*l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet komputazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici b’mod ezagerat u eccessiv, u kontra l-principji kollha tal-gurisprudenza ormai stabbilita mill-Qrati Maltin fosthom ta’ dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell*” jkompli hekk: “*F’dan ir-rigward l-esponenti qieghed jadotta in toto l-aggravji elenkati bhala “E” sa “H” fir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut Bartoli, u jaghmilhom tieghu ghall-kull fini ta’ dan l-appell incidentali.*”

L-ilmenti li tressqu mill-konvenut Bartoli fir-rigward ta' l-ammontar tad-danni, liema lmenti, kif inghad hawn fuq, gew abbraccjati mill-konvenut Grixti, jikkoncernaw bazikament tlett punti, u cioe` li l-introjtu annwu li fuqu gie mahdum il-“multiplier” ma jirriflettix dak li kienet qed taqla' l-attrici u fi kwalunkwe kaz iz-zieda ghall-skopijiet ta’ l-inflazzjoni huma eccessivi; li ma sar ebda tnaqqis billi s-somma eventwalment akkordata ser tithallas f’daqqa u, finalment li l-grad ta’ dizabilita` adottat mill-ewwel Qorti mhux gustifikat. Dwar id-*damnum emergens* ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

L-appellanti qed jilmentaw li s-somma ta’ LM6000 li fuqha gie mahdum il-“*multiplier*” tirraprezenta awment ta’ 170% fuq l-introitu ta’ l-attrici fis-sena tal-incident u 300% fuq l-introjtu taghha fis-sena precedenti. Konsegwentement qed jigi sottomess li din iz-zieda hija eccessiva u li minflok kellha tinghata zieda ta’ 10% biex tirrifletti iz-ziediet fl-gholi tal-hajja.

Din il-Qorti ma taqbilx. Il-*lucrum cessans* ossia l-kumpens ghat-telf futur komtempla fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 1045 tal-Kap. 16 huwa, fil-kaz in ezami, progettat fuq firxa ta’ tletin sena fil-futur. Dwar dan il-perjodu ta’ snin ma hemm ebda oggezzjoni u ghalhekk ghandu jigi accettat.

Issa fil-komputazzjoni li taghmel il-Qorti biex tistabilixxi l-introitu li fuqu ghandu jinhadem l-*lucrum cessans*, l-istess Qorti tikkunsidra mhux biss ir-rata ta' l-inflazzjoni tal-pajjiz izda ukoll il-potenzjal tal-persuna danneggata. Jekk ghalhekk wiehed ihares lejn iz-zidiet fl-introjtu ta' l-attrici fuq medda ta’ tlett snin isib li gawdiet awment fis-salarju taghha ta’ 127% u cioe` minn LM2771 fin-1990 is-salarju taghha fid-data tal-incident u cioe` tlett snin wara kien ta’ LM3600. Fuq din il-bazi din il-Qorti tara li l-attrici kellha potenzjal qawwi u konsegwentement l-ammont ta’LM6000 bhala medja fuq firxa ta’ 30 sena kien altru li gustifikat. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Hija prattika normali li meta jigu likwidati danni ghal telf futur titnaqqas percentwali li fil-masimu taghha jkun ta’ 20%. Dan isir billi il-persuna li tkun ser tircievi dan il-kumpens tkun ser tithallas immedjatament f’somma wahda dawk id-danni li jigu komputati u likwidati ghal telf futur. Izda hija daqstant prattika normali u ben accettata, kemm mill-Qorti kif ukoll mill-assikurazzjonijiet, li jissemmew mill-appellanti, li meta jghaddi hafna zmien bejn d-data ta' l-incident u d-data tal-hlas tal-kumpens, dan it-tnaqqis jew ma jsirx jew il-percentwali tigi ridotta konsiderevolment. Fil-kaz in ezami jidher li l-attrici ser tippercepixxi l-kumpens dovut lilha <u>aktar minn erbatax-il sena wara l-akkadut</u> u ghalhekk huwa xieraq u gust li, kif qalet l-ewwel Qorti, ma jsir ebda tnaqqis. Dan l-aggravju ghalhekk qieghed ukoll jgi michud.

**Ikkunsidrat:**

L-ahhar ilment jikkoncerna l-grad ta’ dizabilita`. L-ewwel Qorti llikwidat il-kumpens dovut lill-attrici fuq dizabilita` permanenti fi grad ta’ 20%. Il-konvenuti appellanti qed joggezzjonaw ghal dan billi jsostnu li dan huwa gholi wisq inkwantu l-attrici “*illum il-gurnata ghandha l-istat taghha, marret tghix l-Inghilterra, ghandha l-familja taghha bit-tfal jigifieri bdiet hajja gdida*”. L-appellanti ilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti “*ma taghti ebda spjegazzjoni ta’ kif waslet*

*ghall-konkluzzjoni taghha ta' ghoxrin fil-mija bhala dizabilita` permanenti.*"

Qabel xejn jinghad li l-fatt li l-attrici llum "*ghandha l-istat taghha*" bl-ebda mod ma hu argument kontra l-hlas ta' kumpens jew li dan ghandu jigi likwidat f'ammont irrizorju. Kieku l-attrici ma komplietx jew ma setghetx tkompli tghix l-hajja normali taghha kieku l-grad ta' dizabilita` kien jkun ferm oghla u konsegwentement anke l-kumpens. Il-kumpens jithallas ghat-telf ta' qligh futur u sahansitra kien hemm okkazzjonijiet meta dan il-kumpens gie likwidat u thallas anke meta rrizulta li in effetti l-korrut ma sofra ebda telf effettiv u baqa' fl-istess impieg. Ghalhekk il-godiment tal-hajja kif jixraq lil kull persuna mhux argument kontra l-hlas tal-kumpens.

Fil-kaz in ezami jidher li l-ewwel Qorti giet rinfaccata bi tlett rapporti medici separati. Kull wiehed fl-isfera partikolari billi kien hemm espert ortopediku, espert psikjatriku u espert fil-psikologija li indipendentement esprimew ruhhom fuq il-grad tad-disabilita`, li skond huma u fil-branka taghhom soffriet l-attrici. Dawn kienu rispettivament fil-grad ta' 8%, 7% u bejn 10 u 15%. Kien jkun aktar xieraq u forsi anke ineccepibbli kieku dawn it-tlett esperti nghaqdu flimkien u stabbilew grad ta' disabilita` wahda tenut kont ta' l-ilmenti kollha li jkunu rriskontraw fl-attrici. Dan izda ma sarx u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tassumi r-responsabbilita` li tistabilixxi hi l-grad ta' disabilita` li, fil-fehma taghha, il-percentwali kollha li gew ipprezentati lilha kienu jirraprezentaw. L-ewwel Qorti ma ghamlitx somma tal-percentwali kollha li rrizultawlha; dan kien jkun ingust mal-konvenuti billi mhux biss kien iwassal ghal grad ta' dizabilita` ferm ghola minn dik stabilita` izda ukoll ma kienx jkun jirrifletti t-"*total percentage disability*" li ghandu jigi adottat ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni. Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti, anke jekk mhux riprodott fis-sentenza, kien wiehed gust u konformi ma dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 1045 tal-Kap 16 li jikkoncedi certa latitudini lill-gudikant f'materja ta' danni. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell principali ta’ Gordon Bartoli u l-appell incidentali ta’ Brian Grixti qed jigu michuda u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` taghha bl-ispejjez ta’ dan l-appell jigu sopportati mill-konvenuti fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------